Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Frar 2024
(OR. en)

05757/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0456(NLE)

ACP 8
WTO 10
RELEX 93
COASI 9

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-adeżjoni ta' Tuvalu mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/…

ta' …

dwar l-adeżjoni ta' Tuvalu mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew[1],

[1] Approvazzjoni ta'... (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

(1) Fit-12 ta' Ġunju 2002, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għal Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku.

(2) Il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra

[2] (il-"Ftehim Interim ta' Sħubija"), li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, ġie ffirmat f'Londra fit-30 ta' Lulju 2009. Il-Ftehim Interim ta' Sħubija ġie applikat b'mod proviżorju mill-Papua New Guinea u mir-Repubblika ta' Fiġi mill-20 ta' Diċembru 2009 u mit-28 ta' Lulju 2014, rispettivament.

(3) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea u minn dik id-data teżerċita kull dritt u tassumi kull obbligu tal-Komunità Ewropea.

(4) L-Artikolu 80 tal-Ftehim Interim ta' Sħubija jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-adeżjoni ta' Stati Gżejjer tal-Paċifiku oħra.L-Istat Indipendenti ta' Samoa, u l-Gżejjer Solomon aderixxew mal-Ftehim Interim ta' Sħubija f'konformità miegħu, u ilhom japplikawh b'mod provviżorju mill-31 ta' Diċembru 2018 u mis-17 ta' Mejju 2020, rispettivament.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/729/KE tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 272, 16.10.2009, p. 1).

(5) Fil-31 ta' Marzu 2023, Tuvalu ressaq talba għall-adeżjoni flimkien ma' offerta ta' aċċess għas-suq għall-Unjoni.

(6) Il-Kummissjoni vvalutat l-offerta ta' Tuvalu u, wara l-emendi, sabitha aċċettabbli. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet in-negozjati ma' Tuvalu fis-27 ta' April 2023.

(7) F'konformità mal-Artikolu 76(3) tal-Ftehim Interim ta' Sħubija, l-Unjoni u Tuvalu għandhom japplikaw il-Ftehim b'mod proviżorju 10 ijiem wara li jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub dwar it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan l-għan.

(8) Jenħtieġ li l-adeżjoni ta' Tuvalu mal-Ftehim Interim ta' Sħubija tiġi approvata f'isem l-Unjoni, soġġett għad-depożitu minn Tuvalu tal-att tal-adeżjoni skont l-Artikolu 80(2) tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-adeżjoni ta' Tuvalu mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim Interim ta' Sħubija"), hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni, soġġetta għad-depożitu minn Tuvalu tal-att ta' adeżjoni skont l-Artikolu 80(2) tal-Ftehim.

2. Il-President tal-Kunsill għandha, f'isem l-Unjoni, tinnotifika lill-Partijiet Kontraenti l-oħra għall-Ftehim Interim ta' Sħubija u lil Tuvalu bl-approvazzjoni, mill-Unjoni, tal-adeżjoni ta' Tuvalu mal-Ftehim Interim ta' Sħubija.

3. It-test tal-offerta ta' aċċess għas-suq ta' Tuvalu huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni*.

Artikolu 2

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn l-Unjoni u Tuvalu, il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika msemmija fl-Artikolu 76(3) tal-Ftehim Interim ta' Sħubija.

2. L-Unjoni u Tuvalu għandhom japplikaw b'mod proviżorju l-Ftehim Interim ta' Sħubija 10 ijiem wara li jkunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub dwar it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dak l-għan f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

---

*. * Delegazzjonijiet: Dokument ST 5757/24 ADD 1.

Artikolu 3

L-approvazzjoni tal-adeżjoni ta' Tuvalu mal-Ftehim Interim ta' Sħubija ma għandhiex tiġi interpretata bħala li tagħti drittijiet jew timponi xi obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament quddiem il-qrati jew it-tribunali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

Għall-Kunsill

Il-President